MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 427/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Aquilina)**
**Vs**
**Alfred Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant/appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

f'dawn il-Gzejjer, f'diversi postijiet fix-xahar ta' Novembru 2006 u fix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

B'abbuz ta' fiducja, ta' relazzjoni familjari u bhala drawwa u bi hsieb ta' qliegh, biex jissodisfa z-zina ta' haddiehor,

gieghel bil-vjolenza, jew hajjar b'qerq, persuna ta' eta, cioe' lil *-Omissis-* u persuni ohra, ghall-prostituzzjoni;

Bhala s-sid li ghandu taht idejh l-aministrazzjoni ta' dar jew fond nurmu 6, Bokka tac-Carcara, limiti tal-Imgarr, xjentement ta b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post bhal skop ta' prostituzzjoni;

Xjentement ghex ghal-kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' eta', cioe' *-Omissis-* u persuni ohra;

Zamm jew ezercita' jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal jew xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

Zamm fil-fond numru 6, Bokka tac-Carcara, l/o Mgarr u/jew kellu fil-pussess tieghu taht il-kontroll tieghu jew gara mill-fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fi Skeda I u II tal-Artikoli 3 u 5 tal-Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kellux licenzja mahruga minn Awtorita' kompetenti;

Talli minghajr il-Licenzja tal-Kummissarju ghamel tibdiliet jew ittanta jaghmel tibdil f'xi arma tan-nar hekk li nbidlet il-klassifikazzjoni ta' dawn l-armi tan-nar taht l-Att dwar l-Armi jew taht regolamenti maghmulin tahthom bi ksur tal-artikolu 45 (1) u (2) ta' l-istess Kapitolu;

Bl-imgieba tieghu kkaguna lil *-Omissis-* biza li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalu biza;

Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil persuna ta' *-Omissis-*, u xi persuni ohra u b'mod li jkun jaf jew li messu jkun jaf li dan kien ta fastidju ghal persuna ta' *-Omissis-* jew persuni ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Otturbu, 2011, li biha,

wara li rat l-artikoli 3(a), 5(1), 45(1)(2) u 51 tal-Kap. 480 sabet lill-appellant/appellat hati tal-akkuzi bi ksur tal-Kap. 480 u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' sitt mitt Euro (€600) u terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur kif ukoll skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzji ghaz-zamma u garr ta' armi ghal perjodu ta' hames (5) snin skond l-artikolu 57 tal-Kap. 480.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 ikkundannat lill-appellant/appellat ihallas l-ispejjez inkorsi fil-perizja dwar l-ezami tal-armi u munizzjon.

Ordnat il-konfiska tal-armi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' Otturbu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha li filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn ma sabitx hati lill-appellanti ghar-rigward tal-akkuzi ta' (1) b'abbuz ta' fiducja, ta' relazzjoni familjari u bhala drawwa u bi hsieb ta' qliegh, biex jissodisfa zina ta' haddiehor, gieghel bil-vjolenza jew hajjar b'qerq, persuna ta' eta` cioe` Simone Camilleri u persuni ohra ghall-prostituzzjoni u (2) akkuza li bhala s-sid li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond numru 6, Bokka tac-Carcara, limiti tal-Imgarr, xjentement ta b'kiri, ppermetta l-uzu ta' dan il-post bhal skop ta' prostituzzjoni u (3) l-akkuza talli xjentement ghex ghall-kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' eta`, cioe` Simone Camilleri u persuni ohra u (4) l-akkuza talli zamm jew ezercita` jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal jew xi parti minnhom li huma ffredkwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghall-skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali u (7) l-akkuza li bl-imgieba tieghu kkaguna lil Simone Camilleri biza li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalu biza u (8) l-akkuza talli gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil persuna ta' Simone Camilleri, u xi persuni ohra u b'mod li jkun jaf jew messu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna ta' Simone Camilleri jew persuni ohra, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-htija dwar il-hames (5) talli zamm fil-fond numru 6, Bokka tac-Carcara, limiti tal-Mgarr

u/jew kellu fil-pussess tieghu taht il-kontroll tieghu jew gara mill-fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fi Skeda I u II tal-artikoli 3 u 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kellux licenzja mahruga minn Awtorita` kompetenti; u sitt (6) akkuza ukoll talli minghajr il-Licenzja tal-Kummissarju ghamel tibdiliet jew ittanta jaghmel tibdil f'xi arma tan-nar hekk li nbidlet il-klassifikazzjoni ta' dawn l-armi tan-nar taht l-Att dwar l-Armi jew taht regolamenti maghmulin tahthom bi ksur tal-artikolu 45(1) u (2) tal-istess Kapitolu, tirriforma s-sentenza dwar il-piena li l-piena karcerarja ta' sitt xhur tinzel ghall-tlett (3) xhur sospizi taht l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu li din il-Qorti ghandha tiffissa u dwar il-multa inflitta ta' sitt mitt Ewro (€600) titnaqqas ghall-wahda ta' mitejn tlieta u tletin Ewro (€233).

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-31 ta' Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Alfred Gatt hati ta' l-akkuzi dwar ksur tal-Kap. 480, u senjatament, tal-hames u s-sitt akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' sitt mitt Ewro u terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur, kif ukoll skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzji ghaz-zamma u garr ta' armi ghal perjodu ta' hames snin u kkundannatu sabiex ihallas l-ispejjez inkorsi fil-perizja dwar l-ezami ta' l-armi u munizzjon, u ordnat il-konfiska ta' l-armi favur il-Gvern ta' Malta u thassaraha u tirrevokaha fil-kumplament, u minflok issib lill-istess appellat Alfred Gatt hati wkoll ta' l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba`, s-seba` w it-tmin akkuzi dedotti fil-konfront tieghu skond il-ligi, u konsegwentement tinfliggi fil-konfront ta' l-appellat Alfred Gatt il-pien idoneja u gusta skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant/appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-Qorti mill-istess sottomissjonijiet u noti t'osservazzjoni ta' dawn il-proceduri tal-esponenti fir-

rigward tal-piena u dan b'riflessjoni tal-ksur tal-artikolu 3(a), 5(1), 45(1)(2) u 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta kellha tiehu in konsiderazzjoni l-fedina tajba tal-imputat kif spjegata fl-istess nota u tenut kont anke l-eta` tal-appellant u l-istat ta' sahha tieghu ma kelliex tapplika piena karcerarja effettiva liema konsiderazzjonijiet din il-Qorti tidher li ma hadithomx;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ksur tal-artikolu 5(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa dwar zamma ta' arma fil-fond f'dan il-kaz tal-appellant igib mieghu f'kaz ta' htija prigunerija ta' mhux anqas minn tlett xhur u fil-kaz ta' ksur tal-artikolu 3 li huwa dwar pussess ta' arma regolari imsemmija fl-iskeda wiehed tal-istess Kap igorru prigunerija minn tlett xhur u li ghalhekk l-Ewwel Qorti la darba l-armi wahda biss minnhom tista` tigi deskritta li taqa` taht l-iskeda wiehed minhabba li l-kanna kienet inqas minn disa` centimentri l-Qorti f'dan ir-rigward fic-cirkostanzi partikolari tapplika l-minimum u cioe` tlett xhur u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz tissospendi l-istess taht l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

3. Illi dwar il-multa ta' sitt mitt Ewro (€600) u dan stante li hija riflessjoni tal-htija dwar munizzjoni kif indikata fl-artikolu 51(1)(a) tal-Kap. 480 il-Qorti kellha per konsegwenza tac-cirkostanzi gia spjegati f'dan ir-rikors tapplika multa vicin il-minimum u cioe` mitejn tlieta u tletin Ewro (€233)

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe` :-

Illi fid-19 ta' Ottubru, 2011, l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifestament zbaljat tal-provi u kienet manifestament zbaljata meta sabet lill-appellat Alfred Gatt mhux hati ta' l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba`, s-seba` u t-tmin akkuzi u lliberatu minnhom.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet zbaljati fil-ligi kif ukoll naqset milli taghmel apprezzament komplet tal-fatti, bil-konsegwenza li waslet ghal decizjoni sorprendentement zbaljata ghal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba`, s-seba` u t-tmin akkuzi fil-konfront ta' appellat.

Illi ghal dak li jirrigwarda konsiderazzjonijiet zbaljati fil-ligi, l-esponent jigbed l-attenzjoni ta’ din il-Qorti ghal zewg konsiderazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha, liema konsiderazzjonijiet effettivament kienu strumentali biex l-Ewwel Qorti ma sabitx htija fl-appellat ghal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba`, s-seba` u t-tmin akkuzi. Fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti evidentement hadet in konsiderazzjoni l-fatt li bint l-appellat u ohtu (u cioe` omm il-vittma Simone Camilleri) ghazlu li ma jixhux f’dawn il-proceduri :
*“Ikkonsidrat inoltre illi kif gia inghad supra, l-kwerelanta hija l-unika xhud diretta tal-prosekuzzjoni. Bint l-imputat ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta’ missierha u l-istess xelta ghamlet ohra l-imputat li allura hija omm il-kwerelanta. Dak li kien mistenni minn oht l-imputat kien li tikkonferma li kienet irceviet theddid fil-konfront ta’ bintha sabiex tissalda d-debitu ta’ bejniethom izda ghazlet li tiprevalixxi ruhha mill-privilegg konsentit lilha mill-ligi”*

Illi l-Ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta “ikkonsidrat” il-fatt li omm il-vittma u kugintha (bint l-appellat) ghazlu li ma jixhdux fil-konfront ta’ huha u missierha rispettivament! Dan huwa dritt sagrosant taghhom u, tenut kont in-natura familjari tal-kaz de quo, wiehed jista` facilment jifhem ir-riluttanza biex dawn in-nies jidhlu, kif jghid il-Malti, bejn il-basla u qoxritha, billi jixhdu kontra membru mminenti tal-familja taghhom stess. Minn qari akkurat tas-sentenza, pero` jidher car li l-Ewwel Qorti kienet influenzata negattivament minn dan il-fatt, u nterpretatu bhala li dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma jikkorroborawx il-verzjoni tal-vittma Simone Camilleri.

Illi fit-tieni lok, imbaghad, l-Ewwel Qorti rritjeniet illi galadarba fil-bidu l-vittma kienet ikkonsentiet li tipprostitwixxi ruhha u taqsam il-profitt ma’ l-appellat, allura ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kellha titqies bhala komplici fir-reati de quo !!!
*“kwerelanta hija wkoll partecipis criminis ghad li mhix ko-imputata ghaliex hija kienet tippresta servizzi ta’ prostituzzjoni minn jeddha bi qbil ma’ l-imputat u bi qsim ta’ profitti mieghu qabel ma ddecidiet li tiddezisti. Qua*

*komplici allura jehtieg li l-verzjoni tal-kwerelanta ssib konfort f'kollaborazzjoni anke jekk f'fatti u cirkostanzi emergenti mill-provi l-ohra"*

Illi kif ser jigi ttrattat b'mod komprensiv fit-trattazzjoni orali ta' dan l-umli appell, anke hawn l-Ewwel Qorti kienet zbaljata. U dan l-izball kellu effett dirett fuq is-sentenza appellata. Dan ghaliex fl-ebda hin l-Ewwel Qorti ma tghid li x-xhieda ta' Simone Camilleri m'hijiex kredibbli! Li ghamlet l-Ewwel Qorti kien li qieset lil Camilleri bhala komplici u per konsegwenza rrikjediet li x-xhieda taghha tkun korroborata! Skond l-Ewwel Qorti x-xhieda ta' Camilleri ma gietx korroborata u kwindi l-Qorti lliberat lill-appellat mill-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba`, s-seba` u t-tmin akkuzi.

Illi hawnhekk l-Ewwel Qorti ghamlet zewg zbalji kardinali: fl-ewwel lok Simone Camilleri ma setghet qatt tiqies bhala komplici (almenu sa fejn jikkoncerna l-bicca l-kbira ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront ta' l-appellat), u t-tieni lok, anke jekk ghas-sahha ta' l-argument wiehed kellu jaccetta li Camilleri kienet komplici, harsa (mqar jekk hafifa) lejn il-provi turi li l-verzjoni ta' Camilleri effettivament kienet ikkorroboratissima minn numru ta' provi.

Illi dan it-tieni punt huwa mertu ta' l-aggravju sussegwenti ta' l-esponent. Dwar l-ewwel punt, ossia li Simone Camilleri ma kellhiex titqies bhala komplici l-esponent sejjer jittratta ad funditus dwar dan il-punt waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell. F'dan l-istadju, pero`, l-esponent jirrileva li l-fatt li fl-ewwel xahar Simone Camilleri kkonsentiet li tipprostitwixxi ruhha u taqsam il-qliegh ma' l-appellat b'ebda mod ma jrendiha "komplici" fir-reati addebitati lill-appellat! Ghal dak li jirrigwarda s-seba u t-tmin akkuzi, dawn huma addirittura reati kontra l-persuna ta' l-istess Simone Camilleri. U hawn l-esponent jistaqsi b'liema tigbid ta' l-immaginazzjoni tista` persuna tkun komplici f'reat kontriha stess?!! Dwar l-ewwel imputazzjoni, imbaghad, ghalkemm fil-bidu Simone Camilleri kkonsentiet ghall-prostituzzjoni, meta mbaghad hija riedet tieqaf u l-appellat geghla tkompli, ma jistax wiehed jghid li Simone Camilleri kienet komplici ma' l-

appellat biex bil-vjolenza jgeghlu lill-istess Simone Camilleri tipprostitwixxi ruhha! Dwar it-tieni, t-tielet, ir-raba` imputazzjonijiet, huwa perfettament minnu li Simone Camilleri ghal xi zmien kienet “komplici” ma’ l-appellat biex id-dar ta’ l-appellat tintuza minnha ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni, u biex l-appellat jghix in parti mill-qliegh tal-prosekuzzjoni taghha, imma galadarba hija ddecidiet li tieqaf, allura dik il-komplicita`, dak il-“common design”, intemm ghal kollox.

Illi ghalkemm l-esponent jifhem u japprezza li l-Ewwel Qorti kellha tuza certa kawtela hi u tevalwa x-xhieda ta’ Simone Camilleri, u dan in vista tal-partecipazzjoni volontarja taghha fl-istadju bikri tal-prostituzzjoni, l-istess Qorti ma kenitx legalment korretta meta rritjeniet li Simone Camilleri kienet komplici vis-a-vis l-akkuzi kollha u li kwindi x-xhieda taghha kellha necessarjament tkun korroborata.

Illi minghajr pregudizzju ghall-fuq espost, anke jekk ghas-sahha ta’ l-argument din il-Qorti jidhirla li l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta meta rrikjediet il-korroborazzjoni, xorta wahda l-Ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata meta rritjeniet illi l-verzjoni ta’ Simone Camilleri ma gietx korroborata minn provi ohrajn. Hawnhekk si tratta ta apprezzament ta’ provi. Jekk hawn xi principju dwar apprezzament ta’ provi sinonimu mal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, dan huwa li din il-Qorti ma tissostitwixxi d-diskrezzjoni u/jew il-gudizzju taghha ghal dak ta’ l-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk il-konkluzjoni li tkun waslet ghalih l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta’ ligi u ta’ ragjonevolezza. Dan il-principju gie kristallizzat permezz tal-gurisprudenza kopjuza ta’ din il-Qorti.

Illi dan huwa precizament dak li l-esponent qieghed jistieden lil din il-qorti sabiex taghmel – u cioe` ezami approfondit tal-provi. Dan ghaliex meta wiehed jifli l-atti processwali ad funditus, wiehed isib provi inkonfondibbli u addirittura skjaccanti li juru, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li l-appellat Alfred Gatt gieghel bil-vjolenza lil

Simone Camilleri biex tipprostitwixxi ruhha (wara li din iddecidiet li tieqaf), li bhala s-sid tal-fond Nru, 6, Blokka tac-Carcara, limiti ta' Mgarr, xjentement ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni, li xjentement ghex in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni, fosthom Simone Camilleri, li zamm dar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali, li bl-imgieba tieghu kkaguna lil Simone Camilleri biza` li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza`, u li gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lill-persuna ta' Simone Camilleri b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghall-persuna ta' Simone Camilleri. Kwindi, dejjem bid-dovut rispett, l-Ewwel Qorti ma setghetx legittimament u ragjonevolment illibera lill-appellat Alfred Gatt mill-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba`, s-seba` w it-tminn akkuzi.

Illi kif inghad aktar 'l fuq f'dan ir-rikors ta' appell, l-Ewwel Qorti ma lliberatx lill-appellat Alfred Gatt mill-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba`, s-seba` w it-tminn akkuzi dedotti fil-konfront tieghu ghaliex m'emmnitx ix-xhieda ta' Simone Camilleri, izda il-ghaliex bhala komplici (dwar dan, vide l-aggravju precedenti) ix-xhieda ta' Simone Camilleri kellha tkun korroborata minn xhieda u/jew cirkostanzi ohrajn. Issa l-esponent ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-verzjoni ta' Simoen Camilleri – verzjoni li, del resto, hija dettaljatissima u preciza – ma hijiex korroborata, meta l-provi kollha mressqa mill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz jippuntaw lejn direzzjoni wahda u jikkorroboraw bis-shih il-verzjoni ta' Camilleri. L-esponent m'huwiex ser jahli l-hin ta' din il-Qorti jelenka u jiddiskuti l-provi kontenuti fl-atti processwali f'dan ir-rikors ta' appell, u dan il-ghaliex l-esponent m'ghandux l-icken dubju li din il-Qorti ser tidhol ad funditus fil-provi prodotti u taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess. L-esponent, pero` jigbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija (a fol. 496 et sequitur tal-process), u l-osservazzjonijiet u sottomissjonijiet kontenuti f'dik in-nota jaghmilhom tieghu ghall-fini ta' dan l-umli appell.

Illi fl-ewwel lok ghandek il-verzjoni ta’ Simone Camilleri, li hija verzoni cara, dettaljatissima u verosimili ghall-ahhar. Simone Camilleri ma tippruvax tigdeb jew tahbi xi responsabilitajiet li seta` kellha. Seta` jkun facli ghal Camilleri li tigdeb u tghid li kien l-appellat li sfurzaha ghall-prostituzzjoni “from day one”, izda ma qalitx hekk. Hija kienet genwina u spjegat kif ghall-bidu, ghalkemm l-appellat hajjarha ghal dan ix-xxoghol, hija accettat volontarjament ghax kellha bzonn il-flus. Camilleri tkompli tispjega pero` x’gara meta nfurmat lill-appellat li kienet sabet guvni ta’ l-affari tieghu u kli riedet tieqaf mix-xoghol ta’ prostituzzjoni biex tibda` relazzjoni serja ma’ dan il-guvni. Tispjega kif minn dan il-mument hija ma baqghetx tipprostitwixxi ruhha b’mod volontarju, izda kif l-appellant kien igieghla taghmel dan permezz ta’ vjolenza morali, theddid, u biza`. Tispjega kif l-appellat kien konsistentement u persistentement “jiftahar” maghha kemm kellu hbieb mill-Korp tal-Pulizija u kemm kellu hbieb “li jaslu”. Tispjega kif l-appellat kien konsistentement u persistentement jghidilna li min jiksirha mieghu ghada jew pitghada jpattiha qares. Tispjega kif l-appellat ma kienx jahbi minnha l-arsenal ta’ armi u munizzjon li kellu, u dan proprju biex it-theddid tieghu fuqha jittiehed aktar bis-serjeta` u jnissel fiha biza` u twerwir. Imbaghad Simone Camilleri tispjega b’mod mill-aktar dettaljat kif kien isir ix-xoghol ta’ prostituzzjoni : kif l-appellat kellu mobile phone iehor biex juzah sabiex fuqu jikkuntattjawh il-klijenti, kif kien jiehu lil Camilleri go hwienet frekwentati mill-irgiel, kif kien jigri bir-ritratt ta’ Camilleri fil-karozza, kif kien jiftiehem ma’ l-irgiel biex imorru ma’ Camilleri, kif kien jordna lil Camilleri biex “taghmel kollox” mal-klijenti, kif kien igib ruhu meta xi klijent regolari kien jaghmel xi gimghat ma jaghmel kuntatt ma’ l-appellat ghal “zjara” ohra. Minkejja l-iskumdita` biex wiehed jitkellem dwar dawn l-affarijiet, Simone Camilleri tispjega x’kienet taghmel mal-klijenti, u fejn kienu jsiru l-inkontri sesswali. Camilleri addirittura tiehu l-Pulizija u turihom postijiet specifici li fihom hija pprostitwixxiet ruhha. Fix-xhieda taghha Simone Camilleri kienet invarjabbilment cara, dettaljatissima u konsistenti mill-mument li fethet qalbha mas-Superintendent Alexandra Mamo fis-6 ta’ Dicembru 2006, sakemm xehdet quddiem l-Ewwel Qorti u tul il-process kollu.

Imbaghad hemm il-provi cirkostanzjarji li kollha kemm huma jikkorroboraw il-verzjoni ta’ Simone Camilleri, l-kwalita` ta’ armi u munizzjon li l-Pulizija effettivament sabu fir-residenza ta’ l-appellat, ir-ritratt ta’ Simone Camilleri li l-Pulizija effettivament sabu fil-vettura wzata mill-appellat, il-messaggi minn irgiel fuq ic-cellulari ta’ l-appellat, il-messaggi lil irgiel mic-cellulari ta’ l-appellat li fihom l-appellat jispjegalhom fejn ghandhom jistennew l-Imgarr, l-ammont eronri ta’ bicciet tal-karti bl-ismijiet ta’ rgiel u numri tal-mobile phones taghhom misjubin ghand l-appellat, il-kwantita` ta’ kontracettivi (condoms) misjuba fil-fond proprjeta` ta’ l-appellat. Dawn il-provi cirkostnazjarji, u hafna ohrajn bhalhom li jemergu mill-atti processwali jikkorroboraw, jikkonfermaw, u jaghtu kredibilita` shiha lill-verzjoni ta’ Simone Camilleri. Imbaghad hemm l-istqarrijiet ta’ l-appellat (a fol. 63 et seq. u 70 et. seq. tal-process) fejn ghalkemm l-appellat jichad l-allegazzjonijiet maghmulin fil-konfront tieghu, ir-risposti li huwa jaghti ghal certi domandi assolutament ma jikkonvincux.

Illi ghaldaqstant, meta wiehed jezamina l-atti processwali, jirrizultalu illi l-Ewwel Qorti ghamlet zewg zbalji, fl-ewwel lok ghamlet konsiderazzjonijiet legali (procedurali) zbaljati jew imprecizi (senjatament meta l-Qorti tat certu piz lill-fatt li omm l-allegata vittma u kuginitha ghazlu li ma jixhdux, u meta l-istess Qorti qieset lill-allegata vittma bhala “komplici” ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, vis-a-vis l-akkuzi kollha, fit-totalita` taghhom, dedotti fil-konfront ta’ l-appellat), u fit-tieni lok ghamlet apprezzament manifestament zbaljat tal-provi meta rritjeniet li l-verzjoni ta’ Simone Camilleri ma gietx korroborata minn provi u jew cirkostanzi ohra. Apparti l-fatt li l-verzjoni ta’ Simone Camilleri, jekk emnuta (l-Qorti fl-ebda hin ma tghid li ma emnitx din il-verzjoni) kellha tkun bizzejjed biex tipprova l-akkuzi fil-konfront ta’ l-appellat sal-grad rikjest mill-ligi, l-provi kollha mressqa mill-prosekuzzjoni fil-kaz de quo jikkonfermaw, jikkorroboraw, u jaghtu kredibilita` lill-verzjoni ta’ Simone Camilleri.

Ikkunsidrat.

Minn din is-Sentenza appellaw kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Generali, izda l-fatti ghal din il-kawza huma l-istess u ghalhekk se tikkonsidra u tiddeciedi z-zewg appelli f'Sentenza wahda.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi f'Dicembru tas-sena 2006 Simone Camilleri ta' wiehed u erbghin (41) sena, omm ta' zewgt (2) itfal spjegat lill-pulizija kif iz-ziju taghha l-appellat Alfred Gatt kien qieghad jisfurzha sabiex tipprostitwixxi ruhha. L-istorja bdiet wara li Simone Camilleri temmet relazzjoni ma certa Manuel Mercieca liema relazzjoni kienet tempestuza u riedet tibda hajja mill-gdid u applikat ghal post tal-Housing pero' ma kelliex flus bizzejjed ghal konvenju u kien jonqosha bilanc ta' 900 Lira. Kien ghalhekk li avvicinat lil zijuha, l-appellat Alfred Gatt, biex tara jistax jghinha u dak offra li jsellfilha 300 Lira huwa stess u jipprokulara s-600 Lira minn ghand il-hbieb tieghu.

Simone Camilleri accettat din il-proposta u malli ghamlet hekk, zijuha Alfred Gatt hargilha bi proposta ohra u cioe' jekk kienetx interessata illi thallas lura billi tipprostitwixxi ruhha. Camilleri tghid bla tlaqliq illi inizjalment accettat li taghmel dan ix-xoghol b'mod volontarju u dan 'il ghaliex kellha diffikultajiet finanzjarji sostanzjali. Sar ftehim ma Alfred Gatt dwar il-modalita tal-kisba tal-klienti u kif se jinqasmu l-flus. Camilleri kellha tircievi 20 Lira ghal kull klient u minn dawn kellha zzom 10 Liri u tghaddi 10 Liri ohra lil Gatt. Camilleri accettat dan l-arrangament bil-hsieb car u preciz li taghmel dan ix-xoghol ghal xahar jew sakemm ikollha bizzejjed flus biex thallas id-900 Lira lura illi kienet sselfet minn ghand zijuha.

Gatt xtara mobile phone iehor biex juzah in konnessjoni ma dan in-negozju ta' prostituzzjoni u beda jiehu lil Simone Camilleri fi hwienet frekwentati mill-irgiel, beda jigri b'ritratt ta' Simone fil-karozza u l-klienti bdew gejjin. L-inkontri sesswali kienu jsiru gewwa r-residenza ta' l-appellat u cioe' numru 6, Blokka tac-Carcara, limiti ta' l-Imgarr. Simone Camilleri tghid wara xi gimghat f'dan ix-

xoghol iddecidiet li tieqaf. Fil-frattemp bdiet tohrog ma persuna, certa Ivan, u riedet tieqaf mix-xoghol ta' prostotuzzjoni biex tibni relazzjoni serja mieghu. Meta Simone nformat b'dan lil zijuha l-appellat Alfred Gatt, dan sar agressiv u qalilha illi issa li bdiet dan ix-xoghol ma setghetx tieqaf aktar u aktar wara li bnew certa klijentela. L-appellat heddidha illi jekk tieqaf huwa xorta wahda kien se jikxifha mal-partner taghha, fil-fatt l-appellat cempel lil omm Simone u qalilha illi Simone kellha taghtih 2,000 Lira meta dan ma kienx minnu 'l ghaliex Simone kien fadlilha biss bilanc ta' 150 Lira. L-appellat kien jghid lil Simone Camilleri li hu kellu hafna hbieb inkluz hafna pulizija u li jekk xi hadd jiksirha minn mieghu jpattiha zgur.

Effettivament Simone Camilleri kienet ukoll ben konsepevoli tal-fatt illi l-appellat kellu kwantita ta' armi fil-pussess tieghu u minhabba dan it-theddid Simone Camilleri giet imgieghelha tkompli b'dan ix-xoghol ta' prostituzzjoni. Camilleri tispjega dettaljament kif l-appellat kien igibilha l-klienti, kif kien jordnalha li kellha ggib ruhha maghhom, il-postijiet uzati ghall-prostituzzjoni prokurati mill-istess appellat u x'tip ta' servizzi kienet toffri u kemm kien jirrabja u kif kien igib ruhu maghha l-appellat meta xi klient regolari kien jaghmel xi perjodu ma jfittix is-servizzi taghha. Konsegwentement Simone Camilleri qabduha dwejjaq kbar u dahlet f'depression u sahansitra darba minnhom hadet overdose ta' pilloli tant li kellha tigi rikoverata l-isptar sakemm eventwalment ghelbet il-biza' u rrikorriet ghand il-pulizija ghall-ghajnuna.

B'Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrat tat-12 ta' Ottubru tas-sena 2011 l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellat hati ta' l-akkuzi nkonnessjoni mal-Kap 63 izda sabitu hati nkonnessjoni ma ksur tar-regolamenti tal-Kap 480 u kkundannatu ghal hlas tas' €600 multa u terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur. Alfred Gatt appella minn din il-kundanna ghax dehrlu li kienet severa wisq fil-konfront tieghu, waqt li l-Avukat Generali appella mill-bqija tas-Sentenza peress illi dehrlu illi kellha tinstab htija fil-konfront ta' l-akkuzi 'l ohra.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-appell ta’ Alfred Gatt jammetti illi fir-residenza tieghu Bocca tad-Carcara, limiti ta’ l-Imgarr huwa kien fil-pussess ta’ zewgt (2) isnieter u munizzjon illi ma kienux licenzjati. Jghid illi huwa kien qieghed izommhom bhala kollezzjoni privata u ma kienux funzjonabbli imma ma kienx effettivament kontestat illi ma kienux licenzjati, hlief illi kellu armi ohra bhal harpoon u kellu licenzja “to keep”. Jirrikonoxxi illi din il-licenzja “to keep” ma kienetx tinkludi dawn iz-zewg (2) isnieter meritu ta’ din il-kawza. Fit-trattazzjoni taghha d-difiza ta’ Gatt argumentat illi l-piena kienet harxa wisq ghal persuna ta’ l-eta’ tieghu u rari illi bniedem jintbghat il-habs effettiv ghax kellu arma mhux registrata u ghalhekk dehrilhom illi l-piena ta’ habs effettiv kienet esagerata.

Il-Qorti pero’ jidhrilha illi l-ewwel Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha dwar dan il-pussess u l-piena nflitta kienet fil-parametri tal-Ligi. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun fil-fatt, (Repubblika vs David Vella 14 ta’ Gunju, 1999 u ohrajn). Bhal ma ga inghad, il-piena nflitta tidhol fil-perametiri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-deskrizzjoni ta’ l-ewwel Qorti u ghalhekk tichad dan l-appell.

Ghal dak li jirrigwardja l-appell ta’ l-Avukat Generali, kien hemm zewg (2) aggravji principali. Wahda illi l-ewwel Qorti kkunsidrat l-fatt li bint l-appellat u ohtu u cioe’ omm il-vittma Simone Camilleri ghazlu li ma jixdhux f’dawn il-proceduri b’mod negattiv u t-tieni kkunsidrat illi Simone Camilleri bhala komplici.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti fil-waqt illi rrikonoxxiet illi bint l-appellat u ohtu kellhom id-dritt illi ma jixdhux, ikkummentat li “Dak li kien mistenni minn oht l-imputat kien li tikkonferma li kienet irceviet theddid fil-konfront ta’ bintha sabiex tissalda d-debitu ta’

bejnithom izda ghazlet li tipprevalixxi ruhha mill-privilegg konsentit lilha mill-Ligi." La darba persuna taghmel uzu mid-drittijiet statutorji taghha l-Qorti ma ghandha dritt tistenna xejn minn ghandha u lanqas ma tista taghmel xi nferenza negattiva minn dan is-silenzju la darba s-silenzju huwa konsentit mill-Ligi. Il-Qorti ma setghetx taghmel dan il-kumment u lanqas ma setghet tuza s-silenzju bhala prova kontra l-vittma Simone Camilleri u cioe' illi dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma jikkorroborawx il-verzjoni tal-vittma. Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-Avukat Generali ghandu ragun f'dan l-agravju u l-ewwel Qorti ma setghet qatt tikkummenta negattivament fuq is-silenzju ta' bint l-appellat u ohtu.

It-tieni aggravju jikkoncerna l-kompicita tal-vittma Simone Camilleri. Huwa evidenti mis-Sentenza ta' l-ewwel Qorti illi dina kkunsidrata bhala komplici peress illi fil-bidu ta' din l-operazzjoni Camilleri kienet accettat illi taghmel dan ix-xogol b'mod volontarju u kienet anki qablet ma l-appellat dwar il-qsim tal-profitti mieghu. Bhala komplici allura kien jenhtieg li l-verzjoni taghha ssib konfort f'korroborazzjoni minn xhieda u fatti ohrajn.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti taghmilha cara illi sakemm Simone Cammileri "di libera xelta" ddecidiet li tipprostitwixxi ruhha minghar ma taqsam ir-rikavat ma terzi, minghar ma ddahhal terzi f'din il-vicenenda u minghar ma tirrikorri xi penali taht il-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta hadd ma kien sejjer ikellimha. Peress illi l-prostituzzjoni bhala tali mhuwiex regolat mill-Ligi taghna. Pero' l-mument illi ddecidiet illi taqsam ir-rikavat ma terzi, tuza' appartament ta' terzi ghall-iskopijiet ta' prostituzzjoni allura dan it-terz jigi fi ksur tal-Ligi ndipendentement mill-volonta tal-persuna li tkun qed tipprostitwixxi ruhha u din ta' l-ahhar ma tistax titqies bhala komplici ma dan it-terz illi jkun qed jaghmel profitt minn fuqha. F'dan il-kaz, Camilleri ghazlet ghall-ewwel illi tipprostitwixxi ruhha volontarjament, apparti l-kwistjoni tal-flus u l-post fejn din l-attivita se ssir, la darba Camilleri ddecidiet illi ma tkomplix b'din l-attivita tiskatta l-

protezzjoni tal-Ligi u hadd ma jista jgielghha taghmel xi haga kontra l-volonta taghha.

Ghalhekk din il-Qorti ssib li taht l-ebda cirkostanzi Camilleri ma setghet titqies bhala komplici ma l-appellat f’din l-operazzjoni, aktar u aktar fejn jirrigwardja s-seba’ (7) u t-tmien (8) akkuzi li huma reati kontra l-persuna ta’ l-istess Simone Camilleri u zgur li din ma setghetx tkun komplici f’reat kontriha stess! L-ewwel Qorti tefghet hafna piz fuq il-messaggi li nstabu fuq ic-cellulari ta’ Camilleri liema messaggi skont il-Qorti juru bic-car illi ma kien hemm xejn sfurzat minn naha ta’ Camilleri. Bir-rispett il-Qorti ma jidhriliex illi l-ewwel Qorti tista’ tasal ghal dik il-konkluzjoni. Darba Camilleri dahlet f’dak ic-cirku bil-biza’ illi kellha, ma kelliex alternattiva illi tkompli tikkopera biex izzomm il-kwiet u ma taqlax incidenti kemm ghaliha kif ukoll ghan-nies ta’ madwarha u l-Qorti ma setghetx fuq dawk il-messaggi biss tasal ghall- konkluzjoni illi Camilleri kienet partecipi f’din vicenda tul iz-zmien kollu li kienet qieghda tipprostittwixxi ruhha. Hemm hafna xhieda cirkostanzjali ohra illi juru illi ma kienx il-kaz, provi li jwasslu ghal konkluzjoni wahda illi Simone Camilleri kienet qed tghid il-verita.

Per ezempju l-kwantita ta’ armi u munuzzjon illi l-pulizija sabu fir-residenza ta’ l-appellat, ir-ritratt taghha illi kellu fil-karozza, l-messaggi lil irgiel fuq ic-cellulari ta’ l-appellat u r-risposta tieghu fejn jispjegalhom kif ghandhom jaghmlu u jistennew l-Imgarr, l-ammont enormi ta’ bicciet ta’ karti bl-ismijiet ta’ rgiel u numri tal-mobile phones taghhom misjubin ghand l-appellat, il-kwantita ta’ kontracettivi misjuba fil-fond tieghu. Dawn il-provi kolha jwasslu ghal dik il-kredibilita li hemm bzonn ghal verzjoni ta’ Simone Camilleri.

Din il-Qorti wara illi ezaminat bir-reqqa l-provi kollha ssib illi l-verzjoni ta’ Simone Camilleri hija wahda veritjiera u jisthoq li tkun emmnuta. Dan jaghti dritt lill-Qorti illi torbot il-kaz fuqha kif previst mill-Artiklu 638(2) tal-Kodici Kriminali meta tghid “B’dan kollu, f’kull kaz, ix-xhieda ta’ xhud biss, jekk emmnut minn ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompjuta minn

kollox, daqskemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar."

Din il-Qorti temmen lil din ix-xhud u tqis ix-xhieda taghha bhala prova shiha u kompjuta minn kollox.

Ghal dawn il-mottivi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u wara li rat l-Artikli tal-Ligi b'Att tar-rinviju ta' l-Avukat Generali tat-13 ta' Novembru, tas-sena 2008, tirriforma s-Sentenza appellata billi tikkonferma f'dik il-parti fejn sabet lil Alfred Gatt hati ta' l-akkuzi dwar il-ksur tal-Kap 480 u senjament tal-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' €600 u terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur kif ukoll li skwalifikatu illi jkollu jew jottjeni licenzja ghaz-zamma u garr ta' armi ghal perjodu ta' hames (5) snin u kkundannatu sabiex ihallas l-ispejjes inkorsi fil-perizja dwar l-ezami ta' l-armi u munizzjon u ordnat il-konfiska ta' l-armi favur il-Gvern ta' Malta u thssarha u tirrevokaha fil-kumplament u minflok issib lill-istess Alfred Gatt hati wkoll ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), s-seba' (7) u t-tmien (8) akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' erba' (4) snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------